20 ta' April, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Mary Dimech pr. et ne. *versus* Michele Dimech

**Alimenti — Mara — Tfal — Art. 3 (2), 6 u 14 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dmir tar-raġel li jmantni lil martu jispiċċa, fost każijiet oħra, jekk il-mara titlaq mid-dar konjugali mingħajr raġuni ġusta, u mingħajr raġuni ġusta tirrifjuta li terġa' lura ma' żewġha.*

*Imma sakemm ir-raġel ma jinterpellax lil martu biex tirritorna f'daru, il-mara, biex titlob l-alimenti, mhix obligata tipprova li għandha raġuni tajba biex ma tmurx miegħu.*

*Lanqas jista' r-raġel jirrifjuta li jmantni lill-uliedu, billi jallega li l-kura tagħhom tmiss lilu, mentri t-tfal qegħdin ma' ommhom u dina ma turihomlux, sakemm huwa ma jkunx ħa passi biex jieħu f'idejh il-kura ta' dawk it-tfal, u lanqas ma jkun ħa passi biex ikun jista' jarahom.*

*U l-manteniment li r-raġel għandu jagħti lill-mara ma hux dak strettament neċessarju, imma dak li jiġi regolat skond il-mezzi u l-kondizzjoni soċjali tar-raġel.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, fil-kwalitajiet tagħha fuq imsemmija, wara li ppremettiet illi hija kienet kostretta tabbanduna d-dar konjugali mħabba s-swat u t-theddid ta' żewġha, li mingħajr ebda ġusta kawża mhux qiegħed imantni lilha u lill-uliedha minuri fuq riferiti; talbet illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun kundannat iħallasha, proprio et nomine, pensjoni alimentarja li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie nġunt biex jidher għas-subizzjoni;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi tippretendi illi hija kienet kostretta tabbanduna d-dar konjugali minħabba s-swat u t-theddid tal-konvenut żewġha, u illi dan, mingħajr ebda raġuni ġusta, mhux qiegħed imantni lilha u lill-uliedha minuri;

*Illi*, dwar l-ewwel raġuni, l-attriċi xehdet illi sawwatha u għeddidha.........;

Dwar it-tieni raġuni, il-konvenut jallega illi huwa ma għandux jagħti *manteniment* lill-attriċi, għaliex din telqet mid-dar konjugali mingħajr raġuni ġusta. Din l-allegazzjoni *mhijiex* sostenibili. Skond *il-liġi*, ir-raġel hu fid-dmir *li jmantni* lill-martu (art. 3(2) Kodiċi Ċivili); iżda dmir jispiċċa biss, fost każi oħra, jekk *il-mara titlaq* mid-dar konjugali mingħajr raġuni ġusta, u mingħajr raġuni ġusta tirrifjuta li *terġa' lura ma' żewġha* (art. 6 Kodiċi Ċivili). Għalhekk, biex il-konvenut seta' jeħles mid-dmir tiegħu li jmantni *lill-attriċi*, kien messu nterpellaha biex *tirritorna f'daru*; u kien ikun allura li l-attriċi kien *ikollha*, biex ma titlobx l-alimenti, tipprova *li kellha* raġuni ġusta li ma tmurx f'dik id-dar. Imma minn *mindu* l-attriċi telqet mid-dar *konjugali*, il-konvenut ma ċċaqlaqx, u ma sejħilhiex biex tmur miegħu. *Infatti*, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fil-kawża "Vassallo utrinque" fis-17 ta' Jannar 1879, konfermata mill-Appell fis-16 ta' Frar 1880, "si *deve* presumere dalle ragioni per le quali i contendenti da parecchi anni non convivono insieme, *ciò che non forma* il merito della presente causa......... l'*attrice*, in difetto di una separazione giudiziale dal di lei marito, ha il diritto di domandare da *costui* la prestazione degli alimenti nella casa coniugale, *od anche altrove*, qualora *il marito non la richiami a* convivere con sè.........". U, kif jingħad fil-*ġurisprudenza* taljana, "non potrebbe il marito *opporre* che l'allontanamento della moglie sia capriccioso, se non fece alcuna istanza per *richiamarla*........." (Fadda, art. 133, para. 45); "il marito può essere dispensato dall'obbligo degli alimenti *verso la moglie* nel solo caso che questa siasi *allontanata* senza giusto motivo dalla casa coniugale e ricusi di ritornarvi; ma quando il marito non siasi dato pensiero dell'abbandono, nè abbia mai invitato *la moglie a ritornare presso* di lui, non può sottrarsi *dall'obbligo* di alimentarla, quale che sia stata la causa dell'abbandono stesso" (Fadda, art. 133, para. 10). U biex ir-raġel jeħles mill-istess dmir, meta hemm lok għal dan, huwa ma *għandux* jagħmel ħaġ'oħra ħlief li jippromwovi l-azzjoni ta' separazzjoni personali (Kollez. Vol. XXII—I—293);

Illi l-konvenut huwa wkoll fid-dmir li jmantni lill-uliedu (art. 14(1) Kodići Ċivili). Ir-raġuni pretiża mill-konvenut illi huwa ma jmantnix lill-uliedu, għaliex, kif issottometta fid-dikjarazzjoni, il-kura tagħhom tmiss lilu, mentri dawn it-tfal qegħedha żżommhom l-attriċi li, kif xehed, ilha żmien twil ma turihomlu, lanqas ma hija sostenibili. Il-konvenut qatt ma ċċaqlaq, la biex jieħu f'idejgħ dik il-kura u lanqas biex jara l-uliedu; u sakemm ma jagħmelx hekk u jipprova li l-attriċi ma għandhiex iżżomm taħt il-kura tagħha dawk it-tfal, jibqa' jseħħ id-dmir tal-konvenut, skond il-liġi, li jgħaddi l-alimenti lill-attriċi biex dina tagħtihom lill-uliedha;

Illi lanqas hu korrett il-konvenut meta jissottometti li l-alimenti li għandhom jiġu akkordati lill-attriċi huma dawk biss strettament neċessarji. Skond il-liġi, il-konvenut hu fid-dmir li jmantni l-attriċi skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu, jiġifieri in proporzjoni tal-ġid tiegħu, sakemm ma jippruvax illi l-attriċi mhix qegħedha miegħu minħabba ħtija tagħha. "Gli alimenti ristretti al puro bisogno si debbono corrispondere solo quando è *giuridicamente noto a quale dei due coniugi spetta la colpa della separazione*" (Fadda, art. 133, para. 169);

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut għandu salarju ta'......;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba, u hekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, għaliha u t-tfal tagħha msemmijin fiċ-ċitazzjoni, il-pensjoni alimentarja ta' £3. 10. 0 fil-ġimgħa, li għandha tikkomprendi kwalunkwe ammont li l-attriċi ġà qiegħda tirċievi bħala "marriage allowance" minn għand l-Ammiraljat. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.